*il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali hija d-dmir tal-Istat, li hawnhekk għandu diskrezzjoni wiesgħa ferm sabiex jassigura li l-interess pubbliku jintlaħaq ukoll f'dan is-settur - id-diskrezzjoni tal-Istat għandha l-limiti tagħha ċirkoskritti permezz tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin - l-Istat għalkemm huwa f'pożizzjoni li jagħraf il-bżonnijiet tas-soċjetà, m'għandu l-ebda dritt assolut li jfixkel liċ-ċittadin fit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu – Il-Qorti tagħraf sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti ġew kostretti li jġorru piż eċċessiv u sproporzjonat, sabiex b'hekk a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, huma ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom*

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 355/2022 LM

**Susan Aquilina (K.I. nru. 134768M) bħala mandatarju speċjali ta' Alexandra Balzan (K.I. nru. 145365M)**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat; u**
**Carmen Magro (K.I. nru. 437846M) u Paul Magro (K.I. nru. 857035M) għal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-1 ta' Lulju, 2022 mir-rikorrenti **Susan Aquilina (K.I. nru. 134768M) bħala mandatarju speċjali ta' Alexandra Balzan (K.I. nru. 145365M),** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'], fejn issottomettiet dan li ġej:

*"Tesponi bir-rispett u tikkonferma ILLI:*

1. *Ir-rikorrenti hija sid tal-proprjetà ossia l-fond 42, Tony, Triq il-Fuħħar, Tarxien. (Dok. A)*

2. *L-inkwilini ilhom jokkupaw il-fond surriferit għal żmien twil taħt titolu ta' kera stabbilit u miżmum taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69, senjatament l-artikolu 3, flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Att X tal-2009, senjatament l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi għalhekk l-intimati baqgħu jgawdu kirja sfurzata fuq is-sid u jħallsu kera baxxa, illi hija dik il-kera massima li jipprospetta l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma nżamm proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin. Ma hemm l-ebda dubju illi din hija kera baxxa, speċjalment ikkunsidrat dak li l-proprjetà kapaċi ġġib fis-suq miftuħ.*

4. *Illi huwa stat ta' fatt illi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-anqas qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, ta d-dritt lill-intimati li jibqgħu jgħixu fil-fond surriferit minkejja li skada t-terminu lokatizju, b'kera irriżorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas iżżomm bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, bl-uniku awment permissibbli jkun dak skont ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi. Dan irriżulta għal relazzjoni sforzata ta' sid u inkwilin għall-perijodu indefinit.*

5. *Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti ġiet imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħha, mingħajr ma ġiet mogħtija kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond. Għaldaqstant ġiet privata mill-proprjetà tagħha bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

6. *Il-livell baxx ta' kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilità tat-teħid lura ta' proprjetà, in-nuqqas ta' salvagwardja proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għajxien f'Malta f'dawn l-aħħar deċenni u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini kkreaw piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.*

7. *Għalhekk fil-fehma umili tar-rikorrenti, id-drittijiet tagħha ġew miksura bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement għandha dritt tirċievi kumpens stante illi ġiet privata, mingħajr ma ngħatat kumpens ġust għat-tgawdija tal-proprjetà tagħha.*

***Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jgħidu l-intimati għaliex m'għandhiex:***

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, inkluż tal-artikolu 3 tal-istess Kapitolu fil-liġi, u/jew minħabba l-Att X tal-2009, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom fond 42, Tony, Triq il-Fuħħar, Tarxien bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbi għall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-pekunjarji, sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-liġijiet suċċitati fit-talba preċedenti;*

3. *Tillikwida l-istess kumpens u danni bil-ħatra ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati;*

5. *Tagħti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'] ippreżentata fil-5 ta' Ottubru, 2022, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi, preliminarjament, ir-rikorrenti għandha ġġib prova ċara u skont kif trid il-liġi: (1) tat-titolu tagħha għall-proprjetà mertu ta' din il-kawża stante illi, għalkemm hi tgħid illi hija s-sid tal-fond in kwistjoni, id-'Dok. A' anness mar-rikors promotur juri illi hi sid biss ta' sehem 5/8 minn din il-proprjetà; (2) tal-kirja illi qed tilmenta minnha, u (3) li tali kirja hija attwalment suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009;*

2. *Illi fil-mertu, in suċċint, il-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li t-tħaddim tal-liġijiet tal-kera <u>hekk kif kienu fis-seħħ qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-2021</u>, partikolarment dawk ikkontemplati fil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, illeda d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà in kwistjoni kif protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. L-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda* in toto *peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-*

*raġunijiet segwenti u li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

3. *Illi, peress li r-rikorrenti qed tinvoka l-protezzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jirrileva li skont it-tieni paragrafu tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd illi jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Anki skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet soċjali. Tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestement mingħajr bażi raġonevoli – li żgur mhux il-każ;*

4. *Illi l-liġijiet li qed tilmenta minnhom ir-rikorrenti huma maħsuba sabiex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar ta' abitazzjoni tagħhom f'għeluq it-terminu konċess lilhom fil-kuntratt tal-kiri;*

5. *Illi, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ma jikkonċedi ebda dritt li xi ħadd jirċievi profitt. Allura, fil-kuntest ta' proprjetà li qed isservi għall-finijiet ta'* social housing, *żgur li ma jistax jiġi kkontemplat xi dritt simili;*

6. *Illi, huwa risaput li l-Qorti Ewropea stess fil-ġurisprudenza tagħha fosthom fil-każ ta'* **Amato Gauci vs Malta** *rrikonoxxiet li: "*State control over levels of rent falls into a sphere subject to a wide margin of appreciation by the State and its application may often cause <u>significant reductions in the amount of rent chargeable.</u>" *B'hekk il-liġijiet li qed tilmenta minnhom ir-rikorrenti żgur li ma jistgħux jiġu kklasifikati bħala mhux leġittimi jew mhux fl-interess ġenerali u l-esponent jara li dawn l-artikoli assolutament m'għandhomx jitqiesu li jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;*

7. *Illi safejn ir-rikorrenti qed tilmenta li qed tiġi ppreġudikata minħabba l-fatt li l-ammont ta' kera ma jirriflettix il-valur reali tal-fond in kwistjoni, dan ma jistax jiġi rrimedjat bit-tneħħija tal-artikoli tal-Kap. 69 jew ta' xi liġi oħra; jew bl-iżgumbrament tal-okkupanti. Dan qed jingħad għaliex ma jkunx jagħmel sens li wieħed jagħraf l-iskop, il-ħtieġa u l-leġittimità tal-miżuri msemmija biex imbagħad jinnewtralizzahom billi jagħmilhom inapplikabbli bl-iżgumbrament tal-okkupanti. Tajjeb jingħad ukoll li l-emendi tal-Att XXIV tal-2021 jagħtu lok sabiex wieħed jitlob awment fil-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond fis-suq ħieles;*

*Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu u kwindi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promutur bħala infondati fil-*

*fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

3. Rat ir-Risposta tal-intimati **Carmen Magro (K.I. nru. 437846M)** u **Paul Magro (K.I. nru. 857035M)** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati Magro'], li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Ottubru, 2022, fejn ingħad kif ġej:

*"Tesponi bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament l-intimati jeċċepixxu illi huma mhumiex il-leġittimi kuntraditturi fil-kawża odjerna stante li r-rikorrenti qed jattakka l-liġijiet tal-kera viġenti u ebda mit-talbiet tar-rikorrenti, inkluż dawk għall-ħlas ta' kumpens mhux qed isiru fil-konfront tal-esponenti;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu illi r-rikorrenti naqset milli teżerċita r-rimedji ordinarji mogħtija mil-liġi qabel ma intavolat dawn il-proċeduri Kostituzzjonali;*
3. *Illi r-rikorrenti intavola wkoll rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Susan Aquilina (K.I. nru. 134768M) bħala mandatarju speċjali ta' Alexandra Balzan (K.I. nru. 145365M) v. Carmen Magro (K.I. nru. 437846M) u Paul Magro (K.I. 857035M) u Awtorità tad-Djar (bħala Amicus Curiae) liema rikors iġib in-numru 538/2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab lill-Bord jirrevedi l-ammont u l-kundizzjonijiet tal-kera u dan* ai termini *tal-artikolu 4A (2) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;*
4. *Illi l-fatt li r-rikorrenti intavolat proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera jipprova suffiċjentement li l-liġi tipprovdi għal rimedji ordinarji;*
5. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, l-intimati qegħdin igawdu minn kirja li tibbenefika mill-protezzjoni tal-liġi u li huma dejjem aġixxew skont il-liġijiet viġenti matul it-terminu tal-kirja;*
6. *Illi għalhekk mhux fil-kompitu tal-esponenti li jwieġbu għal talbiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali stante li dawn mhumiex obbligi li jorbtu lilhom;*
7. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-talba għal dikjarazzjoni li l-liġi li permezz tagħha l-kirja in kwistjoni tikseb il-protezzjoni tivvjola d-drittijiet fundamentali sanċiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea mhix ġustifikata fil-każ odjern;*
8. *Illi għal kuntrarju ta' dak espost mir-rikorrenti, u bla preġudizzju għas-suespost, l-Att XXIV tal-2021, jipprovdi għal mekkaniżmu fejn permezz ta' rikors sid ta'*

*proprjetà mikrija* ai termini *tal-istess Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta jista' permezz ta' rikors jitlob reviżjoni tal-pagament tal-kera, proċess li l-istess rikorrenti utilizzat fil-kawża bin-numru 538/2022 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.*

9. *Illi permezz tal-Att XXIV tal-2021, l-intendiment tal-leġislatur kien li jinħoloq bilanċ bejn l-interessi tas-sid u tal-inkwilin;*

10. *Illi di più u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu illi hemm impossibilità sabiex ir-rikorrenti jieħu l-pussess tal-proprjetà lura u dan għaliex il-liġi tipprovdi kif dan jista' jseħħ;*

11. *Illi għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti biex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha;*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

[1] *Bl-ispejjeż kontra l-atturi minn issa inġunti in subizzjoni."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat li permezz tad-digriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2022, ġie maħtur i**l-Perit Michael Lanfranco** bħala Perit Tekniku Ġudizzjarju, sabiex wara li jaċċedi fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri ċjoé numru 42, Tony, Triq il-Fuħħar, Tarxien [minn issa 'il-fond'], jistabbilixxi l-valur tal-fond fis-suq, u l-valur lokatizju tal-istess fond fis-suq mis-sena 1987 sal-1 ta' Ġunju, 2021, b'dan li jindika ż-żidiet fil-valur lokatizju kull ħames snin. Il-Perit Lanfranco ppreżenta r-rapport tiegħu fit-18 ta' Novembru, 2022[1], u ħalfu fit-3 ta' Jannar, 2023 .

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2023, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

[1] *A fol.* 45 tal-proċess.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

4. Ir-rikorrenti tgħid li hija s-sid tal-fond mertu ta’ dawn il-proċeduri, dak bin-numru 42, ‘Tony’, Triq il-Fuħħar, Ħal Tarxien, li ilu okkupat mill-inkwilini Magro għal bosta snin u ċertament mill-provi jirriżulta li huma ilhom jikru dan il-fond tal-anqas sa mis-sena 1991, għalkemm l-intimati Magro stess jikkonfermaw fix-xhieda tagħhom li huma ilhom fl-okkupazzjoni ta’ dan il-fond mis-sena 1958. Din il-kirja għalhekk hija waħda protetta, u regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta u mill-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att X tal-2009. Ir-rikorrenti spjegat li hija fetħet dawn il-proċeduri għaliex bl-applikazzjoni tal-liġi tul is-snin, ma kien hemm l-ebda proporzjon bejn il-jeddijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini, u kienet kostretta tidħol f’kirja sfurzata mal-inkwilini, b’rilokazzjoni li hija indefinita, u b’ammont ta’ kera li huwa wieħed irriżorju meta wieħed iqis il-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà. Ir-rikorrenti qalet li dan kollu jammonta għal ksur tal-jeddijiet tagħha kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Permezz tat-talbiet tagħha lil din il-Qorti, ir-rikorrenti talbet li jiġi dikjarat li bit-tħaddim tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, ġew ivvjolati d-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Talbet ukoll li jiġi dikjarat li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-ħlas tal-kumpens dovut lilha, u li għandu jiġi ordnat iħallas l-kumpens kif likwidat, filwaqt li din il-Qorti għandha takkordalha kull rimedju ieħor li jista’ jitqies li huwa xieraq.

5. Min-naħa tiegħu l-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikorrenti għandha tipprova t-titolu tagħha fuq il-fond, għaliex mill-provi miġjuba minnha jirriżulta li hija biss sid ta’ sehem ta’ ħamsa minn tmienja tal-fond u mhux tal-

fond fl-intier tiegħu; kif ukoll iġġib prova tal-kirja, u li din il-kirja hija regolata mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimat Avukat tal-Istat qal li l-lanjanza tar-rikorrenti hija li t-tħaddim tal-liġijiet tal-kera, kif kienu fis-seħħ qabel l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XXIV tal-2021, kiser il-jeddijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. L-intimat Avukat tal-Istat żied jgħid t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt. L-intimat Avukat tal-Istat qal li l-Istat għandu kull jedd jgħaddi dawk il-liġjiet li jidhirlu xierqa sabiex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà fl-interess ġenerali, u li dawn il-liġijiet tfasslu u kienu maħsuba biex jipproteġu persuni milli jitkeċċew minn darhom f'għeluq it-terminu konċess lilhom fil-kuntratt tal-kiri. Qal ukoll li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ma jagħti l-ebda dritt lil xi ħadd li jirċievi profitt.

6. Min-naħa tagħhom l-intimati Magro eċċepew li huma mhumiex leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri, u s-sidien għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li ma ġewx eżawriti. L-intimati Magro saħqu li huma qegħdin igawdu minn kirja li tibbenefika mill-protezzjoni tal-liġi, u li l-Att XXIV tal-2021 jipprovdi għal mekkaniżmu għal reviżjoni tal-kera, filwaqt li mhux minnu li huwa impossibbli għar-rikorrenti li jirriprendu pussess tal-proprjetà tagħhom.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

7. Flimkien mar-rikors promutur tagħhom, ir-rikorrenti esebew (a) kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* tat-12 ta' Lulju, 2000 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin li saret minn Anna Bone, omm Susan Aquilina u r-rikorrenti Alexandra Balzan wara l-mewt ta' Maria Zarb[2]; (b) kopja tal-prokura li permezz tagħha

---

[2] *A fol.* 3 tal-proċess.

Susan Aquilina tista' tidher f'dawn il-proċeduri f'isem u għan-nom ta' oħtha Alexandra Balzan.[3]

8. L-intimat **Paul Magro** xehed waqt l-udjenza tat-30 ta' Novembru, 2022[4], fejn qal li huwa ilu jgħix fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri mis-sena 1959, u li huwa dejjem ħallas il-kera fuqu. Qal li huwa jibgħat is-sehem ta' 5/8 mill-kera lil Alexandra Balzan, u r-rimanenti 3/8 lil ċertu Joseph Schembri li huwa mandatarju ta' tliet persuni oħra.

9. **Alexandra Balzan** fl-*affidavit* tagħha[5] qalet li hija sid tas-sehem ta' 5/8 mill-fond 42, 'Tony', Triq il-Fuħħar, Ħal Tarxien, u hija l-eredi universali ta' Maria Zarb. Spjegat li l-inkwilini Magro ilhom jgħixu fil-fond għal bosta snin. Qalet li hija ma tistax tikkontrolla l-kera kif tixtieq u lanqas ma tista' tiżgombra lill-inkwilin mill-fond, u kien għalhekk li hija fetħet dawn il-proċeduri. Ir-rikorrenti spjegat li hija fetħet ukoll proċeduri quddiem il-Bord li Jikkontrolla l-Kera.

10. L-intimat Paul Magro esebixxa estratt mill-ktieb tal-kera li jmur lura għat-8 ta' Jannar, 1991.[6]

11. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju **Michael Lanfranco**, ippreżenta r-rapport tiegħu fit-18 ta' Novembru, 2022.[7] Spjega li huwa għamel aċċess fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri fil-21 ta' Ottubru, 2022, fejn seta' jikkonstata d-daqs u t-tqassim tal-fond. Spjega li l-fond jinsab fi stat ġeneralment tajjeb ta' manutenzjoni, b'finituri li għalkemm huma qodma, jinsabu fi stat stabbli. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju spjega li l-fond jinsab f'żona residenzjali b'potenzjal ta'

[3] *A fol.* 6 tal-proċess.
[4] *A fol.* 29 tal-proċess.
[5] *A fol.* 33 tal-proċess.
[6] *A fol.* 35 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 45 tal-proċess.

erba' sulari, iżda tali potenzjal mhux probabbli li jista' jiġi utilizzat minħabba li l-proprjetà tinsab ukoll f'żona arkeoloġika b'livell ta' protezzjoni 'E'. Żied jgħid li ma sab l-ebda permessi relatati mal-fond fl-arkivju tal-Awtorità tal-Ippjanar, aktarx għaliex dan inbena qabel l-1967, u għalhekk huwa meqjusa '*legally established*'. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju qal li l-valur ta' dan il-fond fis-suq fl-1 ta' Ġunju, 2021 kien ta' €150,000, filwaqt li l-valur lokatizju tiegħu fl-istess żmien kien ta' €400 fix-xahar jew €4,800 fis-sena.

12. Anna Bone, omm Susan Aquilina u r-rikorrenti Alexandra Balzan, intavolat rikors quddiem din il-Qorti fil-25 ta' April, 2023[8], fejn spjegat li hija kellha sehem ta' 3/42 mill-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri, u li hija ttrasferiet dan is-sehem favur bintha Alexandra Balzan permezz ta' att ta' donazzjoni fis-sena 2011. Permezz tar-rikors tagħha, Anna Bone talbet li tipprevalixxi ruħha mid-dritt mogħti lilha bl-artikolu 810A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tassumi l-atti tal-kawża flimkien mar-rikorrenti, u dan sabiex is-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti tkun ukoll torbot lilha. Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Mejju, 2023, il-Qorti ċaħdet din it-talba minħabba li l-interess ta' Anna Bone f'dawn il-proċeduri kien jeżisti qabel ġiet intavolata l-kawża.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

13. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati. Fl-ewwel lok, għandu jingħad li m'hemm l-ebda dubju li l-kirja odjerna hija regolata mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan in vista tal-prova tal-irċevuta tal-kera li tmur lura għall-1991, u ċjoé qabel l-1995, u l-konferma tal-inkwilin li huwa ilu jikri dan il-fond mill-1958. Mill-provi jirriżulta

[8] *A fol.* 62.

wkoll li r-rikorrenti Alexandra Balzan hija s-sid ta' sehem ta' 5/8 tal-fond, wara li wirtet kwalunkwe sehem li kellha fuqu n-nanna materna tagħha Maria Zarb, u dan kif jirriżulta mill-kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* esebita in atti. Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Avukat tal-Istat, għandha tiġi miċħuda.

14. L-intimati Magro jgħidu wkoll li huma mhumiex leġittimi kontraditturi għaliex huwa l-Istat li għandu jwieġeb għal lanjanzi dwar ksur tad-drittijiet fundamentali. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li filwaqt li huwa minnu li huwa l-Istat li f'każ ta' sejbien ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu li jiġi kkundannat jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mis-sid, il-preżenza tal-inkwilini fi proċeduri ta' din ix-xorta hija meħtieġa, għaliex il-mertu tal-kawża huwa proprju l-protezzjoni fil-kirja li ilhom igawdu l-intimati għal bosta snin, u li tellfet lis-sid tal-fond mit-tgawdija ta' ħwejjiġha. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-intimati Magro għandha wkoll tiġi miċħuda.

15. L-intimati Magro jgħidu wkoll li r-rikorrenti kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju ordinarju li setgħet teżerċita. Hawnhekk għandu jingħad li minkejja li fil-każ odjern jirriżulta li r-rikorrenti fetħet proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex titlob għal żieda fil-kera skont dak li jipprovdu l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XXIV tal-2021, tqis ukoll li r-rikorrenti għandha tingħata rimedju għas-snin kollha li matulhom hija kienet imċaħda mit-tgawdija tal-fond meta fl-istess żmien hija rċeviet bħala kera ammont li ma jirrispekkjax il-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà.

16. Tqis li l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [hawnhekk 'il-Konvenzjoni Ewropea'] jipprovdi kif ġej:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.
>
> Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

17. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [hawnhekk 'il-Qorti Ewropea'], il-kontroll fuq il-kera u r-restrizzjonijiet fuq it-tmiem ta' kuntratt ta' kera, jikkostitwixxu kontroll fuq l-użu tal-proprjetà tal-individwu a tenur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Iżda sabiex l-indħil tal-Istat jista' jitqies li jimmerita eżenzjoni minn din ir-regola ġenerali, hemm bżonn li l-indħil ikun seħħ bis-saħħa ta' liġi, l-iskop tiegħu jkun wieħed leġittimu, u li jilħaq bilanċ bejn l-għan soċjali tal-komunità u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.[9]

18. Il-Qorti tibda billi tgħid li m'hemm l-ebda dubbju li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 kif emendati minn żmien għal żmien, saru taħt qafas legali. Mhux ikkontestat li fiż-żmien li ttieħdet il-miżura permezz tal-promulgazzjoni ta' diversi liġijiet intiżi għall-kontroll tal-użu tal-proprjetà, l-għan kien wieħed leġittimu, partikolarment fis-snin li fihom ġie ppromulgat il-Kap. 69 minħabba l-bżonn kbir li kull min ma kellux fejn joqgħod fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, jiġi mgħejun jagħmel dan mill-Istat. Il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali hija d-dmir tal-Istat, li kif sewwa jirrileva l-intimat Avukat tal-Istat, hawnhekk għandu diskrezzjoni wiesgħa ferm sabiex jassigura li l-interess pubbliku jintlaħaq ukoll fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali. Madankollu din id-diskrezzjoni tal-Istat għandha l-limiti tagħha ċirkoskritti permezz tad-drittijiet

[9] Ara Bradshaw and Others v. Malta, App. Nru. 37121/15, 23.10.2018.

fundamentali taċ-ċittadin. Hawnhekk il-Qorti għalhekk tirrileva li kuntrarjament għal dak li jagħti x'jifhem l-intimat Avukat tal-Istat, l-Istat għalkemm huwa f'pożizzjoni li jagħraf il-bżonnijiet tas-soċjetà, m'għandu l-ebda dritt assolut li jfixkel liċ-ċittadin fit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu.

19. Fil-każ **James and Others v. UK**[10], il-Qorti Ewropea spjegat il-kunċett ta' interess pubbliku kif ġej:

> *"a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, "depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest … The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*[11]

20. Din is-silta tispjega dak l-eżerċizzju li għandha tagħmel il-Qorti fl-investigazzjoni tagħha tal-allegat ilment ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' tgawdija tal-proprjetà:

> *"56. In each case involving an alleged violation of Article 1 of Protocol No. 1, the Court must ascertain whether by reason of the State's interference, the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see* Amato Gauci, *cited above, §57). In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. That assessment may involve not only the conditions of the rent received by individual landlords and the extent of the State's interference with freedom of contract and contractual relations in the lease market, but also the existence of procedural and other safeguards ensuring that the operation of the system and its impact on a landlord's property rights are neither arbitrary nor unforeseeable. Uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a*

---

[10] App. 8793/79, 21.02.1986.

[11] Ara wkoll Q.Kost. 55/2009, Victor Gatt et *vs.* Avukat Generali et, deċiża fil-05.07.2011, u Q.Kost. 467/1994, Cutajar noe *vs.* Il-Kummissarju tal-Art et, 30.11.2001.

> *factor to be taken into account in assessing the State's conduct (see* Immobiliare Saffi v. Italy, *[GC], no.* 22774/93*, §54, ECHR 1999-V, and* Broniowski, *cited above, §151)."*[12]

21. Il-Qorti tagħraf li b'hekk twieled il-principju tal-proporzjonalità. Tgħid li tenut kont tal-valur lokatizju annwali ta' €456 mogħti mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju fir-rapport tiegħu applikabbli għas-sena 1987, li hija s-sena rilevanti sabiex jitqiesu t-talbiet tar-rikorrenti fil-każ odjern, sas-sena 2021 meta mbagħad daħlu fis-seħħ l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XXVI tal-2021, bil-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ li tela' għal €4,800, u meħuda in konsiderazzjoni wkoll (a) il-kera annwali baxxa perċepita mir-rikorrenti; u (b) li ma tressqet l-ebda prova jew sottomissjoni min-naħa tal-intimat Avukat tal-Istat sabiex jiġġustifika għaliex il-każ odjern kien jimmerita l-indħil tal-Istat fi sfond fejn il-qagħda finanzjarja u ekonomika tal-pajjiż saħansitra tjiebet ferm miż-żmien li fih saru l-liġijiet in kwistjoni, il-Qorti tqis li jirriżulta bl-aktar mod evidenti li ma kien hemm l-ebda bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dan filwaqt li tqis ukoll li r-rikorrenti kienet qiegħda tgħix fi stat ta' inċertezza dwar meta u jekk qatt tkun tista' tieħu pussess mill-ġdid tal-fond. Fis-sentenza fl-ismijiet **Cassar v. Malta**[13], il-Qorti Ewropea kkonkludiet li *"it is clear that these circumstances inevitably left the applicants in uncertainty as to whether they would ever be able to recover their property".* Il-Qorti għalhekk tagħraf li d-drittijiet tar-rikorrenti ġew limitati sew permezz tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif irrilevat din il-Qorti hawn fuq, ma tirriżulta l-ebda ġustifikazzjoni fil-każ odjern għall-indħil tal-Istat li wassal għat-trażżin ta' dawn id-drittijiet. Saħansitra tasal biex tgħid li ma tista' tikkonstata l-ebda għan leġittimu għal tali ndħil fil-każ odjern. Il-Qorti għalhekk qegħda tagħraf sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti ġew kostretti li jġorru piż eċċessiv

[12] Bradshaw and Others v. Malta *supra.* Ara wkoll App. 1046/12, Zammit and Attard Cassar v. Malta, 30.07.2015.
[13] App. 50570/13, 30.01.2018.

u sproporzjonat, sabiex b'hekk a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, huma ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom.

22. F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li jkun utli u xieraq li jsir riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Ghigo *v.* Malta**[14]:

> *"67. As the Court has already stated on many occasions, in spheres such as housing of the population, States necessarily enjoy a wide margin of appreciation not only in regard to the existence of the problem of general concern warranting measures for control of individual property but also to the choice of the measures and their implementation. The State control over levels of rent is one such measure and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable (see, in particular, Mellacher and Others, cited above, §45).*
>
> *68. Moreover, in situations where the operation of the rent-control legislation involves wide-reaching consequences for numerous individuals and has economic and social consequences for the country as a whole, the authorities must have considerable discretion not only in choosing the form and deciding on the extent of control over the use of property but also in deciding on the appropriate timing for the enforcement of the relevant laws. Nevertheless, that discretion, however considerable, is not unlimited and its exercise cannot entail consequences at variance with the Convention standards (see,* mutatis mutandis*, Hutten-Czapska, cited above, §223).*
>
> *69. In the present case, having regard to the extremely low amount of the rental value fixed by the Land Valuation Officer, to the fact that the applicant's premises have been requisitioned for more than twenty-two years, as well as to the abovementioned restrictions of the landlord's rights, the Court finds that a disproportionate and excessive burden has been imposed on the applicant. The latter had been requested to bear most of the social and financial costs of supplying housing accomodation to Mr G and his family (see,* mutatis mutandis*, Hutten-Czapska, cited above, §225). It follows that the Maltese State has failed to strike the requisite fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicant's right of property."*

[14] 26.09.2006.

23. Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmulin, ġew leżi il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa għalhekk li l-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti.

24. F'sentenza fl-ismijiet **Cassar Torregiani *vs.* Avukat Ġenerali et**[15], il-Qorti Kostituzzjonali għamlet is-segwenti osservazzjonijiet, dwar in-natura tad-danni li għandhom jiġu likwidati f'kawżi ta' din ix-xorta:

> *"Għalkemm huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta' leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali ma jekwiparax neċessarjament ma' likwidazzjoni ta' danni ċivili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali għandhom jiġu injorati għall-finijiet tal-eżerċizzju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti għall-każ odjern sabiex tasal għad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma: (i) it-tul ta' żmien li ilha sseħħ il-vjolazzjoni konsidrat ukoll fid-dawl tat-tul ta' żmien li r-rikorrenti damu sabiex ressqu l-proċeduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom; (ii) il-grad ta' sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jiġi perċepit ma' dak li jista' jiġi perċepit fis-suq ħieles, konsidrat ukoll l-għan soċjali tal-miżura; (iii) id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti ....".*

25. F'sentenza oħra fl-ismijiet **Herbert Brincat et *vs.* Avukat Ġenerali et**[16], mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, inkiteb illi:

> *"... il-kumpens mistħoqq lill-persuna wara li jkun instab li din ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha ma huwiex l-istess bħal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ċivili mġarrba. Huwa minnu li Qorti Kostituzzjonali tista' tagħti bħala rimedju kemm danni pekunjarji kif ukoll danni non-pekunjarji, iżda din il-Qorti tissenjala li l-kumpens pekunjarju li jingħata fi proċeduri bħal dawn ma għandux ikun ekwivalenti għal danni ċivili ai termini tal-Artikolu 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Id-danni pretiżi huma marbuta mat-talba għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali u mal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi."*

[15] 29.04.2016.
[16] 27.06.2019.
[26] 30.09.2016.

26. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Estella sive Estelle Azzopardi et *vs.* Avukat Ġenerali et**[26], il-Qorti Kostituzzjonali rritjeniet illi,

> *"... ir-rimedju li tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunitajiet mitlufa."*

27. Għalhekk il-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni (a) l-ammont ta' kera li l-intimati Magro kienu jkunu tenuti jħallsu fl-eventwalità li l-fond kien mikri skont il-kirjiet riżultanti fis-suq miftuħ bejn l-1 ta' Mejju, 1987 u l-1 ta' Ġunju, 2021, huwa ferm akbar minn dak attwalment ipperċepit mis-sid fis-somma ta' ċirka €2,778.46[17], fejn saħansitra d-dħul tas-sid kellu jkun ta' madwar €41,811.88[18]; u (b) il-valur tiegħu kif sostanzjalment imnaqqas minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tiegħu. Tgħid li dawn il-fatturi kollha jikkontribwixxu għall-iżbilanċ evidenti bejn l-interessi privati tas-sidien tal-fond inklużi dawk tar-rikorrenti, u l-għan pubbliku li għalih ġew ippromulgati ċerti liġijiet, u għaldaqstant tikkonsidra li jirriżulta ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li għalih għandu jitħallas kumpens mill-intimat Avukat tal-Istat.

28. Kif diġà kellha l-opportunità li tteni din il-Qorti, id-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna, tenut kont tal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi. Għar-rigward tal-*quantum* tal-kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunjarji, fis-sentenzi tal-Qrati tagħna kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu.

---

[17] (€93.17 x 22) + (€185 x 3) + (€197 x 3) + (€205 x 3) + (€211.56 x 3) = €4,445.53, li minnhom Alexandra Balzan kellha sehem ta' 5/8, ammontanti għal €2,778.46.

[18] (€456 x 5) + (€750 x 5) + (€1,341 x 5) + (€1,650 x 5)+ (€2,781 x 5) + (€2,666 x 5) + (€4,169 x4) + €4,800 /12 x 5: €2,000 (kera ta' ħames xhur bejn l-01.01.2021 u l-31.05.2021). Minn dan l-ammont li seta' jiġi realizzat, ir-rikorrenti kellha sehem ta' 5/8.

29. Fil-każ odjern, għajr għall-fatt li kien hemm telf sostanzjali fil-kera li setgħet ġiet ippercepita, ma jirriżultawx danni pekunjarji oħra li jistgħu jiġu faċilment komputati. Imbagħad il-Qorti tqis li għandhom jiġu likwidati wkoll id-danni morali jew non-pekunjarji, stante li l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti hija konsegwenza tal-fatt li għal snin twal l-Istat Malti naqas milli jindirizza din il-kwistjoni kif kellu jagħmel, u jemenda l-qafas legali li jirregola kirjiet protetti, u dan minkejja titjib sostanzjali fil-qagħda soċjo-ekonomika tal-pajjiż, li wassal għal żbilanċ evidenti u piż inordinat fuq is-sidien ta' proprjetajiet bħal dawn.

30. Il-Qorti tqis li kumpens pekunjarju fl-ammont ta' tlettax-il elf Euro (€13,000)[19], u kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' sitt elef, tliet mija u ħamsa u sebgħin Euro (€6,375)[20], għandhom ikunu kumpens ġust u xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dawn id-danni għandhom jitħallsu lir-rikorrenti mill-intimat Avukat tal-Istat.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat;**
2) **Tilqa' s-sitt eċċezzjoni tal-intimati Magro, u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħhom;**
3) **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, u tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att**

[19] €41,811,88-€2,778.46 = /3 = €13,011 (€13,000)
[20] 34 x €300 x 5/8.

**XXIV tal-2021, u tal-Att X tal-2009, kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;**

4) **Tillikwida il-kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' dsatax-il elf, tliet mija u ħamsa u sebgħin Euro (€19,375), li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti mill-intimat Avukat tal-Istat.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**